MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 636/2003/1

**Maresco (Trading) Limited**

**v.**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li s-socjeta` attrici pprezentat fit-23 ta’ Gunju 2003, li jaqra hekk:

“Premess illi, f’Ottubru tas-sena 2002, is-socjeta` attrici kienet bdiet negozjati ma’ socjeta` estera ibbazata fin-Nigeria li ggib l-isem ta’ Onola 2000 sabiex din ta’ l-ahhar takkwista minghand is-socjeta` attrici merkanzija li tikkonsisti f’airconditioning units;

“Premess illi, wara li inghalqu tali negozjati, u gew pattwiti l-kundizzjonijiet u l-prezz tat-transazzjoni, l-imsemmija socjeta` Nigeriana Onola 2000 baghtet *bank draft* datat 25 ta’ Ottubru 2002 mahrug mis-Saudi British Bank fl-Arabja Saudita fuq il-Union Planters Bank fin-New York fl-Istati Uniti, f’isem is-socjeta` attrici ghall-ammont ta’ seba’ u tletin elf u hames mitt Dollaru American (USD37,500) **(Dok A);**

“Premess illi, l-imsemmi *bank draft* kien jirraprezenta l-hlas totali ghall-merkanzija mixtrija mis-socjeta` Nigeriana minghand is-socjeta` attrici kif fuq premess;

“Premess illi, in segwitu ta’ dan, is-socjeta` attrici ddepositat l-imsemmi *bank draft* fil-25 ta’ Novembru 2002 fil-kont kurrenti taghha li jgib in-numru 044-050870-002 mal-fergha ta’ Zebbug, Malta tal-Bank konvenut, HSBC Bank Malta p.l.c.;

“Premess illi, is-socjeta` attrici kienet informata, illi minkejja il-kont kurrenti taghha kien gie kkreditat bl-ammont ta’ hmistax-il-elf, mitejn u disa’ u sebghin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm15,279.49), il-Bank konvenut xorta wahda kellu bzonn tmintax (18)-il-gurnata sabiex jikkonferma illi l-imsemmi *bank draft* hu validu u jista’ jissarraf;

"Premess illi, in vista ta' dan, is-socjeta` attrici, qabel ma ordnat il-merkanzija, sabiex tkun tista' tibghatha lis-socjeta` Nigerjana kif precedentement pattwit maghha, stenniet il-konferma mill-Bank konvenut illi l-imsemmi *bank draft* kien fil-fatt validu u regolari;

"Premess illi, hekk appena kif skada t-terminu ta' tmintax (18)-il-gurnata indikat mill-Bank konvenut, Raymond Galea, fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-socjeta` attrici, kien ikkuntattja lill-Bank konvenut, kemm telefonikament kif ukoll bil-miktub (**Dok B**) fejn gie assigurat illi l-*bank draft de quo* kien gie *cleared* dan peress illi ma kienx ghadu jidher fis-sistema tal-*computer* taghhom.

"Premess illi, tali konferma, u cioe` illi l-imsemmi *bank draft* kien *cleared* inghatat mill-bank konvenut, b'kollox, ghal tlett darbiet, l-ahhar darba fil-21 ta' Jannar,2003.

"Premess illi, wara t-tielet konferma tal-Bank konvenut, is-socjeta` attrici pprocediet bl-esportazzjoni tal-merkanzija lejn in-Nigerja;

"Premess illi, fil-5 ta' Marzu, 2003, certu Philip Leone Ganado ufficjal tal-Bank konvenut mill-fergha ta' Zebbug (Malta), ikkuntattjaw lil Raymond Galea, bhala direttur tas-socjeta` attrici u talbu jmur il-fergha tal-Bank ta' Zebbug (Malta) ghax xtaq ikellmu. Hemmhekk infurmah illi kien hemm xi problemi rigward il-*bank draft de quo* u li konsegwentement, il-Bank konvenut kien ser jiddebita l-kont kurrenti;

"Premess illi, fil-5 ta' Marzu, 2003, il-Bank konvenut permezz ta' komunikazzjoni bil-*fax* **(Dok C)** ikkonferma illi l-kont kurrenti tas-socjeta` attrici fuq imsemmi, kien gie fil-fatt iddebitat fl-ammont ta' erbatax-il elf, tlett mija u hdax-il Lira Maltin u sitt centezmi (Lm14,311.06);

"Premess illi l-unika darba illi l-Bank konvenut ikkonferma illi l-imsemmi *bank draft* kien allegatament, frawdolent, kien permezz ta' komunikazzjoni tieghu datata 12 ta' Marzu, 2003 **(Dok D)**, jigifieri izjed minn xaharejn wara illi skada it-terminu ta' tmintax (18)-il gurnata originarjament moghti mill-Bank konvenut, li fih l-imsemmi Bank kellu jikkonferma il-validita' o meno tal-imsemmi *bank*

*draft*. L-informazzjoni illi l-*bank draft* kien frawdolent inghatat mill-Bank konvenut lis-socjeta` attrici, wara li l-imsemmi Bank kien ikkonferma ghal tlett (3) darbiet illi l-imsemmi *bank draft* kien fil-fatt issarraf;"

"Premess illi, minhabba l-agir abbuziv tal-bank konvenut, is-socjeta` attrici sofriet danni stante illi l-merkanzija mibghuta mill-imsemmija socjeta` attrici lis-socjeta` Nigerjana, qatt ma thallset taghhom, u dan minbarra l-profitti illi intilfu in konnessjoni ma din it-transazzjoni;

"Jghid ghalhekk il-Bank Konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

"(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Bank konvenut agixxa b'mod negligenti u abbusiv fil-konfront tas-socjeta` attrici meta ddebita tal-imsemmija socjeta` attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf, tlett mija u hdax-il Lira Maltin u sitt centezmi (Lm14,311.06) kif fuq premess;

"(2) Tordna lill-Bank konvenut jerga' jikkredita l-kont tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf, tlett mija u hdax-il Lira Maltin u sitt centezmi (Lm14,311.06);

"(3) Tiddikjara lill-Bank konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-agir negligenti u abbusiv tal-istess Bank konvenut;

"(4) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-imsemmi agir negligenti u abbusiv tal-Bank konvenut;

"(5) Tordna l-hlas tad-danni mill-Bank konvenut lis-Socjeta` attrici hekk kif likwidati;

"Bl-ispejjez u imghaxijiet legali inkluzi tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu, 2003 u l-ittra bonarja tas-6 ta' Marzu, 2003.

"Ir-rapprezentant legali tal-Bank konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-bank konvenut li in forza taghha eccepixxa:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi:

(a) "ma kien hemm ebda negligenza jew abbuz da parte tal-bank konvenut meta ddebita l-kont tas-socjeta` attrici kif mitluba fl-ewwel talba fic-citazzjoni.

(b) "minghajr pregudizzju, irrizulta illi l-bank draft li s-socjeta` attrici ddepozitat fil-kont taghha kien wiehed falz.

(c) "minghajr pregudizzju, fuq id-"deposit slip" li ffirmat is-socjeta` attrici meta ddepozitat il-bank draft, hemm miktub u ghalhekk gie pattwit bejn il-partijiet illi l-Bank jirriserva d-dritt illi jiddebita l-kont tal-klijent f'kaz illi bank draft ma jigix onorat – kif gara fil kaz prezenti (Dok A).

(d) "minghajr pregudizzju, s-socjeta attrici nsistiet mal-bank ghall-konferma bil-miktub illi ma kienx hemm problemi tal-bank draft in kwistjoni, liema konferma qatt ma nghatat mill-bank illi anzi avza lis-socjeta` attrici illi ghalkemm "bank draft" ma jibqax jidher ma "uncleared effects" fuq il-computers tal-bank, dan ma kienx jiddegwa l-bank mid-dritt tieghu illi jiddebita l-kont tas-socjeta` attrici. F'kaz illi l-bank draft ma jigix onorat u dana jghaddi kemm jghaddi zmien minn meta jkun sar id-depozitu.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Frar, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza b'dan il-mod:

"… … … taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta` attrici, tilqa' ukoll it-tieni talba u tordna lill-Bank konvenut jerga' jikkredita l-kont tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' (€33,335.80) ekwivalenti ghal (Lm14,311.06);

tichad it-tielet talba; tichad ir-raba’ talba u tichad il hames talba; bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

“L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal zewg terzi mill-Bank konvenut u terz mis-socjeta` attrici.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“L-ewwel konsiderazzjoni li taghmel din il-Qorti hija rigward il-kredibitlita’ tax-xhieda ta’ Raymond Galea u bintu. Galea fl-affidavit tieghu jghid hekk:

*“Jiena mort ghand Philip Abela u tlabtu jiddepozitali d-draft fil-kont tal-kumpanija taghna u jivverifikali jekk kienx jissarraf. Jiena spjegajtlu bin-negozju li konna ser naghmlu ma l-Onola u tlabtu sabiex jivverifika li kollox kien sew peress li ma ridtx nibghat ix-xoghol qabel ma jassigurani li kollox kien sew. Huwa qalli li huma ghandhom sistema biex jivverifikaw, pero riedu 18 il-jum biex jasiguraw li hemm clearance. Huwa spjegali illi kien ser jiddepozitah u li jekk jghaddu 18 il-jum u huma ma jkunux kellmuni ikun ifisser li kollox kien sew u li d-draft ikun ghadda u li jiena stajt inserrah rasi u nipprocedi bin-negozju. Jiena ghidtlu li kont ser nistenna t-terminu jghaddi u nipprocedi wara dak it-terminu.”* Kompla hekk:

“*Bejn gimghatejn u tlett gimghat wara li kienu ghaddew it-tmintax il-gurnata mid-deposit jiena ergajt mort il-bank u kif kont hemm ergajt kellimt lill-Philip Abela. Staqsejtu dwar il-bank draft in kwistjoni, u qalli li la ma kellmunix mill-Bank il-bank draft kien issarraf regolarment. Apparti minn hekk qalli li kif kont hemm ha jidhol fil-kompjuter dak il-hin stess u jivverifika. Dahal fil-kompjuter quddiemi dak il-hin stess u l-bank draft ma kienx qed jidher. Huwa spjegali illi gialadarba c-cekk ma kienx ghadu jidher ifisser li jkun gie msarraf regolarment u li kwindi stajt immexxi bin-negozju. Jiena da parti tieghi ghidtlu dawn il-precizi kelmiet “vuoldiri jiena nista mmexxi bin-negozju issa?” u hu assigurani li “iva”.*

“Xehed l-impjegat tal-Bank Philip Abela:

*"Ma niftalarx ezatt id-diskussjoni li saret bejnietna pero' naf illi c-cekk kien jirraprezenta xoghol li jew kien esportat jew se jigi esportat barra minn Malta. Aktarx illi Raymond Galea fuq dan ic-cekk talabni niccekkja xi haga partikolari." (fol. 48)*

"Xehed ukoll "*Ahna meta tiddepozita cekk ta' barra biex niftiehmu, cekk barrani, dak iz-zmien bhal ma kien dak u se nitkellmu fuqu, il-flus li gew iddepozitati fil-kont jintrabtu ghal 18 working days, jigifieri ma jistghux jintmessu qabel dawk l-18 working days." (fol. 49)*

"Philip Abela imbaghad xehed li ma jiftakarx dwar darb'ohra li kellmu Raymond Galea, pero ftakar li kien cempillu u li wara verifiki sab li l-flus kienu cleared.

"*Ma kienux marbutin" (fol.52)*

"Olivia Cutajar, bint l-istess direttur Raymond Galea imbaghad xehedet hekk:

"*Dwar dan il-kaz ghandi xi nghid illi fil-21 ta' Jannar, 2003, missieri kien talabni biex nikkonferma mal-HSBC Zebbug li l-bank draft li kien iddepozita f'Novembru 2002 in konnessjoni man-negozju ma Onola 2000 kienx cleared mill-bank qabel ma jikkonkludi finalment in-negozju.*

*"Jiena mort personalment il-Bank fejn kellimt lill-certa Benita Bajada u staqsejtha dwar il-bank draft in kwistjoni u din da parti taghha qaltli li kien issarraf u li gie cleared. Jiena informajt lill-missieri dak li kienet qaltli Benita Bajada dakinhar stess." (fol.39)*

"Benita Bajada li xehedet viva voce quddiem din il-Qorti ikkonfermat dan.

Dan kollu jfisser illi l-Qorti ma ghandha ebda raguni tiddubita l-kredibilita ta' Raymond Galea dwar dak li xehed dwar il-konversazzjonijiet li kellu mal-impjegati tal-Bank.

Il-Bank intimat qieghed jistrieh fuq il-kliem imnizzel fuq id-deposit slip li jiffirma l-klijent u cioe':

> "Customers are advised that the Bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid or lost in transit (without loss of exchange where applicable) plus all charges".

"It-tifsira ta' dan il-kliem hija ovvjament wiesgha. Madanakollu, l-applikabilita' taghha hija dubjuza fil-kuntest ta' dak li ntqal aktar il fuq fir-rigward tat-termini moghtija lill-klijent mill-Bank fil-kaz in kwistjoni, l-accertamenti mitluba u l-assikurazzjonijiet moghtija lilu fid-diversi okkazjonijiet.

"Kif qalet il-Qorti fil-kawza 'ATG Company Ltd vs HSBC' (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru, 2009), li kienet tirrigwarda sitwazzjoni identika ma dik li ghandha quddiema din il-Qorti;

> "*Wiehed ghandu joqghod certament attent minn klawsoli ta' din in-natura ghax altrimenti hemm ir-riskju li kullhadd ifarfar ir-responsabbilita' ta' dak li jaghmel. Huwa veru li din mhux wahda minn dak l-enormita' ta' kundizzjonijiet in small print fuq wara ta' xi formola izda kundizzjoni wahda qasira u cara, izda dejjem wiehed irid jara l-forza taghha."*

"Il-Qorti qalet ukoll;

> "*Il-Bank konvenut qieghed jipprova jfarfar mir-responsabbilita' tieghu billi jipprova jikkontendi li l-Bank konvenut ma kienx negligenti fil-prattici bankarji tieghu u li konsegwentement qieghed jipprova jxejjen ukoll in-ness u l-konnessjoni bejn l-istess negligenza lampanti da parti tieghu stess u d-danni ikkawzati."*

"Il-Bank kemm permezz tax-xhieda tal-istess Philip Abela kif ukoll b'dik ta' Jonathan de Maria, qieghed jargumenta dwar id-distinzjoni bejn cheque li jkun gie "blocked" u cheque li ser jithallas zgur.

"Abela jghid hekk:

*"Galea gieli kien icempilli jistaqsi jekk dan ic-cekk giex cleared. Jiena kont niccekkja fuq il-kompjuter, u meta ghaddew it-tmintax-il gurnata ghedtlu li l-ammont iddepozitat isa ma ghadux jidher bhala bblukkat. Qatt m'ghedtlu pero' illi c-cekk kien "ghadda" jew li la ghaddew it-tmintax-il gurnata ic-cekk kein se jithallas zgur."*

*"Jonathan de Maria isostni: "Ghalkemm il-valur tac-cekk jizdied mat-total li l-klijent ikollu fil-kont tieghu, dan il-valur jigi bblukkat ghal perijodu li generalment ivarja bejn it-tmintax u l-hamsa u tletin gurnata, fid-diskrezzjoni ta' l-ufficjali kompetenti tal-fergha. Sakemm jghaddi dan il-perijodu il-klijent ma jkunx jista jigbed dawn il-flus u lanqas jircievi imghax fuqhom. Appena jghaddi dan il-perijodu pero, anke jekk il-Bank ma jkunx ghadu rcieva l-ammont ekwivalenti ghall-valur tac-cekk, hija prassi li l-Bank jaghti l-possibilita' lill-klijent li jigbed u juza liberament ammont ekwivalenti ghall-valur tac-cekk depozitat. Dan pero' ma jfissirx li l-Bank ikun qieghed b'xi mod jiggarantixxi li c-cekk gie "cleared". Anzi, il-Bank ikun qieghed sempliciment jaghti lill-klijent facilita' ekwivalenti ghall-valur tac-cekk depozitat. Dan isir ghall-pratticita' u biex il-Bank jiffacilita' l-kummerc tal-klijent."*

"Ghalkemm dawn id-distinzjonijiet jaghmlu sens fil-prassi u prattika tal-Bank, ma jistghux jintuzaw in relazzjoni mal-klijent sakemm l-istess distinzjonijiet ma jkunu gew spjegati car u dettaljatament lill-klijent, li f'dan il-kuntest, huwa "layman".

"Ghal bniedem normali, li tghid li l-flus m'ghadhomx imblukkati tfisser li l-verifiki saru u m'hemmx problemi. Jekk il-Bank irid ifisser mod iehor, ghandu jaghmilha cara mal-klijent. Altrimenti, is-sitwazzjoni tkun qed tqarreb lejn loghob bil-kliem.

"Kif qalet il-Qorti fil-kawza 'A.T.G. Company Ltd vs HSBC Bank Malta p.l.c.' (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru, 2009):

*"Din il-Qorti thoss li meta fondi jigu cleared il-klijent taht cirkostanzi normali ghandu jhoss li kollox huwa sewwa u li ghalhekk jista' jipprocedi biex fil-kaz in*

*ezami jibghat il-merkanzija. Ma jistax wiehed jistenna li dak li anqas biss seta' jimmagina l-bank u cioe` li c-cheque baqa' jdur mal-Istati Uniti sakemm instab li fil-fatt ma kienx hemm il-validita` jkun maghruf ghal cittadini normali jew azjendi kummercjali."*

"Il-Bank jidher li qed iqis illi l-fatt li s-Sur Galea talab ghall-accertamenti diversi drabi donnu jaghti x'jifhem li kellu minn xhiex jinkwieta u kien jaf li hemm il-problemi. F'ghajnejn din il-Qorti dan l-argument ma jregix. Huwa minnu li n-negozju kien man-Nigerja u l-fama ta' certi raggiri in relazzjoni ma dan il-pajjiz hija vasta, madanakollu, dan messu iktar fetah ghajnejn il-Bank fis-sitwazzjoni. Il-premura li seta' kellu l-klijent immissha kienet il-premura tal-Bank. Ghalhekk il-Qorti tqis l-ewwel talba ta' Maresco hija pruvata.

"Ma ngabu lill-Qorti ebda provi ta' danni u ghalhekk il-Qorti qed tichad it-talbiet tas-socjeta` rigwardanti d-danni."

Rat ir-rikors tal-appell tal-bank konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Frar, 2011 fl-ismijiet fuq citati billi filwaqt li tikkonferma l-imsemmija sentenza safejn din cahdet it-tielet, ir-raba' u l-hames talba tal-attrici appellata, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Bank appellant, u tichad l-ewwel u t-tieni talba tal-attrici appellata, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-istess appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … …tichad *in toto* l-appell tal-Bank appellant bhala infondat fil-fatt u fid-dritt u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-bank appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat

Illi jirrizulta illi s-socjeta` estera dahlet f’negozjati ma’ socjeta` estera bbazata fin-Nigeria ghall-bejgh ta’ diversi *air-conditioning units*. Is-socjeta` estera baghtet il-prezz permezz ta’ *bank draft* datat il-25 ta’ Ottubru, 2002, mahrug mis-Saudi British Bank fl-Arabia Saudita fuq il-Union Planters Bank fi New York, fl-Istati Uniti tal-Amerika. Is-socjeta` attrici iddepozitat id-*draft* fil-kont li kellha mal-Bank konvenut. Il-Bank indika li htieglu tmintax (18)-il gurnata qabel ma jqis id-*draft cleared*. Wara li skada dan it-terminu, Raymond Galea, direttur tas-socjeta` attrici, gie infurmat illi l-imsemmi *bank draft* kien gie *cleared*; skont is-Sur Galea din l-informazzjoni inghatatlu mat-tlett darbiet, l-ahhar darba fil-21 ta’ Jannar, 2003. Is-socjeta` attrici, ghalhekk, ipprocediet bl-esportazzjoni tal-merkanzija lejn in-Nigeria. Fil-5 ta’ Marzu, 2003, il-bank konvenut irriversja d-depozitu, u addebita l-kont tas-socjeta` attrici bl-ammont tal-*bank draft* peress li gie infurmat li kien falz. Is-socjeta` attrici tghid li dan hu agir abbuziv da parti tal-bank konvenut u trid il-flus lura.

L-ewwel Qorti sabet favur is-socjeta` attrici wara li qieset li meta l-bank konvenut qal lis-Sur Galea li d-*draft* “*ma ghadux jidher bhala bblukkat*”, dan kien ifisser li l-verifiki kienu saru u ma kienx hemm problemi.

Il-bank konvenut appella mis-sentenza. Jissottometti, fl-ewwel lok, li meta gie depozitat il-*bank draft* in kwistjoni, fuq id-*deposit slip* kien hemm miktub li l-bank kien qed jirriserva d-dritt “*to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid*”, u l-klijent kien iffirma din it-twissija. Jissottometti wkoll li d-diskors li seta’ ghadda bejn is-Sur Raymond Galea u l-ufficjali tal-bank la kellu effett li jinnewtralizza t-twissija, u lanqas ma jservi bhala garanzija li l-*bank draft* kien se jigi onorat. Fl-ahhar nett, jattribwixxi negligenza u mala fede lis-socjeta` attrici.

Trattat l-appell, din il-Qorti sejra tqis l-ewwel il-kaz mill-aspetti legali tieghu. F’dan il-kaz, si tratta minn *cheque* li jixbah, pero`, ma hux, kambjala, u allura wiehed irid ikun kawt qabel ma jaqbad u japplika r-regoli ta’ kambjala ghall-kaz ta’ *cheque*. Kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Dennison v. Tonna**, deciza fit-30 ta’ Novembru, 1926, meta *cheque* mahrug “*to order*” jigi girat permezz ta’ *endorsement*, dak l-*endorsement* ibiddel in-natura tal-istrument f’kambjala, b’mod li jkun applikabbli r-regoli kollha marbuta mal-istitut ta’ kambjala. Biex, pero`, ikun hemm *endorsement*, hu mehtieg il-firma tal-

*endorser*, u dan anke jekk l-*endorsement* isir in bjank. Il-firma trid tirrizulta fuq l-istrument stess u ma tistax issir permezz ta’ prokura – ara **Rizzo v. Galea**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta’ Jannar, 1943.

Issa, f’dan il-kaz, meta c-*cheque* ittiehed il-bank ghad-depozitu, ic-*cheque* ma jirrizultax li gie ffirmat, li jfisser li ma sar ebda *endorsement* tal-istess *cheque*. Kwindi, ir-referenza ghall-Artikoli 140(1) u 193 tal-Kodici tal-Kummerc li saret mill-bank appellant ma humiex applikabbli ghall-kaz, ghax dawk l-artikoli japplikaw ghall-kambjali u mhux ghal *cheque* mhux girat. Kif osserva l-Prof. J.A.Micallef fin-Noti tieghu fuq il-Kummerc (Vol. II pagna 286), “*It is to be noted that delivery of a bill without there having been put the signature of the endorser does not amount to an endorsement in the strict sense of the word and would not, therefore, produce all those legal effects which derive from an endorsement*”. Kif kompliet tispjega l-Qorti tal-Kummerc fil-kawza msemmija **Rizzo v. Galea**, fin-nuqqas ta’ firma fuq l-istrument innifsu, f’kaz li dan ikun moghti lil xi hadd biex jingabru l-flus, il-pussessur tal-istrument ikun biss mandatarju tal-kreditur ta’ dak l-istrument.

Dan hu dak li gara f’dan il-kaz, u kwindi l-bank konvenut ghandu jitqies biss bhala mandatarju tas-socjeta` attrici. Is-socjeta` attrici, f’dan il-kaz, tat mandat lill-bank biex dan isarraf l-istess fi flus. Il-mandatarju, pero`, ma jobbligax ruhu personalment li se jaghti flus lill-mandant, izda li juza d-diligenza mehtiega

waqt li jwettaq l-inkarigu lilu moghti (Artikolu 1874 tal-Kodici Civili). Il-bank konvenut, bhala semplici mandatarju, intrabat biss li jipprova jsarraf ic-*cheque*, u r-responsabbilita` tieghu ma tmurx oltre.

Il-fatt li l-bank accetta l-inkarigu, ha c-*cheque* u kkredita l-kont tas-socjeta` attrici bil-flus li jidhru fuq id-*cheque*, ma jfissirx li l-bank qed jiggarantixxi li l-flus huma issa tas-socjeta` attrici. Kif qalet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Camilleri v. Agius noe**, deciza fil-11 ta' Dicembru, 1979, meta bank jaccetta *cheque* ta' haddiehor u jakkredita l-kont tal-kreditur, dan f'kull kaz ikun sar taht kundizzjoni li c-*cheque* jigi onorat mill-bank l-iehor, b'mod li jekk ma jigix hekk onorat, il-bank li lilu nghata c-*cheque* ikollu d-dritt jiehu lura l-flus u jiddebita l-kont tal-kreditur.

Issa, f'dan il-kaz, is-socjeta` attrici tmur oltre, u tghid li l-bank kien accertaha li l-flus kienu "*cleared*", u allura tqis li l-flus saru taghha u ma jistax ikun hemm revizjoni tal-istess.

Din il-Qorti ma taccettax din is-sottomissjoni. Fl-ewwel lok, hemm xhieda ta' impjegati tal-bank li jghidu li fil-waqt li qalu lis-Sur Ray Galea, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, li l-ammont depozitat bic-*cheque*, kien "*available*" u mhux blukkat, wissewh li l-fatt li l-flus kienu disponibbli ma kienx garanzija illi c-

*cheque* kien validu. Is-Sur Galea jichad li lilu intqalet din it-twissija, pero`, dan il-konflitt jitfa’ dubju dwar dak li ntqal verament. Dan id-dubju ma jistax, ghalhekk, iservi biex iwaqqa’ ftehim bil-miktub li sar mal-ghoti tac-*cheque* lill-bank fis-sens li “*the bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of affects which are unpaid or lost in transit*”. Is-Sur Galea accetta li jiddepozita c-*cheque* b’din ir-rizerva, u ma jistax jinghad li jirrizulta b’mod car u konklussiv li dan il-ftehim bil-miktub gie superat.

Fit-tieni lok, il-kliem li seta’ intqal minn xi ufficjal tal-bank, ma ntqalx minn ufficjal li kellu r-rapprezentanza tal-istess bank, jew minn xi hadd li kellu s-setgha jorbot lill-bank b’xi garanzija. Kif inghad, il-bank huwa biss mandatarju f’dan il-kaz, u ma jirrizultax li dan il-mandatarju ta garanzija li se jhallas il-flus, f’kull ipotesi, minn butu. Il-fatt li kaxxiera setghet qalet lis-Sur Galea li c-*cheque* kien “*cleared*”, ghax ma jirrizultalhiex li kien ghadu marbut, hi x’inhi t-tifsira li wiehed jista’ jaghti lil dan id-diskors, ma jorbotx lill-bank li accetta c-*cheque* taht kundizzjoni li jekk ic-*cheque* jibqa’ ma jissarrafx, ikollu dritt jiehu l-flus lura. Din il-kundizzjoni, kif diga` ntqal, hija marbuta mal-inkarigu li ha l-bank li jipprova jsarraf ic-*cheque*, u huwa biss il-bank li jista’ jirrinunzja ghal din il-kundizzjoni, u mhux xi impjegat taghha.

Fit-tielet u fl-ahhar lok, din il-Qorti tqis li anke jekk id-diskors li ntqal seta’ jitqies li jorbot lill-bank, il-fatt li lis-Sur Galea ntqal li c-*cheque* kien “*cleared*” u

l-flus kienu disponibbli, ma hijiex garanzija kontra l-falsita` u/jew il-frodi. Kliem f'dak is-sens ma jfissirx li ma jistax ikun hemm riversament tal-flus jekk jirrizulta li kien hemm indebitu. Fil-fatt, jirrizulta li s-socjeta` attrici qed tippretendi li zzomm flus li ma gewx moghtija lilha (peress li c-*cheque* kien falz), u la hi ma hijiex intitolata ghalihhom (bil-mod li nghatawlha), il-mandatarju ma jistax jinzamm personalment responsabbli meta ma rrizultax li hu agixxa b'negligenza. L-affari li s-socjeta` attrici tat lill-bank konvenut ma rnexxietx mhux tort tan-negligenza tal-bank, izda ghal raguni indipendenti mill-volonta` tal-mandatarju, u l-mandant huwa allura marbut hu lejn il-mandatarju u mhux vice-versa (ara l-Artikoli 1881 u 1882 tal-Kodici Civili). Inoltre, kif anke osservat l-ewwel Qorti, is-socjeta` attrici ma ppruvatx li sofriet danni b'dak li ghamel il-bank u kwindi difficli titlob rimedju a bazi ta' dak lamentat minnha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-bank konvenut billi tilqa' l-istess, tirrevoka u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tad-9 ta' Frar, 2011, u tghaddi biex tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici appellata, Maresco (Trading) Limited.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------